## NOMINA TA' PROF. GLEN FARRUGIA GĦALL-ĦATRA

## TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-IŻVIZZERA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?**

   Bħalissa l-Iżvizzera qed tiffaċċja diversi sfidi multilaterali li jaf ikollhom impatt fuq ix-xenarju soċjoekonomiku u politiku tagħha. Fost dawn l-isfidi, hemm ir-relazzjoni pjuttost kumplessa tal-Iżvizzera mal-Unjoni Ewropea, hekk kif il-pajjiż qed jaħdem biex iżomm is-sovranità tiegħu filwaqt li jiżgura li s-suq uniku tal-UE jkollu aċċess għall-benefiċċji.

   L-insistenza tal-Iżvizzera li żżomm il-klawżola tagħha dwar is-salvagwardja unilaterali f'dak li jirrigwarda l-influss ta' persuni mill-UE, bil-potenzjal li tillimita l-immigrazzjoni mill-UE, hija waħda mill-fatturi kontroversjali bejn iż-żewġ partijiet fejn jidħol il-moviment ħieles tal-persuni. Ta' min wieħed jinnota wkoll li din il-klawżola hija l-bażi tat-trattati bilaterali bejn Bern u Brussell.

   L-Iżvizzera qed taħdem biex issib alternattivi li ma jaffettwawx l-ekonomija tagħha u potenzjalment setturi importanti bħas-servizzi finanzjarji, il-kummerċ, u r-riċerka xjentifika kollaborattiva. Barra minn hekk, il-pajjiż qed jiffaċċja pressjonijiet demografiċi, b'mod partikolari popolazzjoni li qed tixjieħ, u dan qed ipoġġi pressjoni sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, u s-sistema tal-pensjonijiet.

   Minħabba li l-popolazzjoni hija mistennija li tikber fis-snin li ġejjin, jeħtieġ li l-Iżvizzera tħejji l-infrastruttura tagħha, inklużi d-djar, l-iskejjel, it-trasport pubbliku, it-toroq, u s-sistema tal-kura tas-saħħa. Jeħtieġ li din l-infrastruttura tkun lesta għal dan it-tkabbir fil-popolazzjoni.

   Ma nistax ma nsemmix il-livell għoli ta' għajxien tal-Iżvizzera, li għalkemm vantaġġuż, jista' jxekkel l-affordabbiltà u l-ugwaljanza soċjali. Dan għaliex il-prezzijiet tal-proprjetà qed jiżdiedu flimkien mal-ispejjeż tal-għajxien u, għaldaqstant, aktar familji bi dħul baxx u medju qed jiġu marġinalizzati. Dan nistgħu narawh fi stħarriġ li sar lill-familji Frankofoniċi, li meta ġew mistoqsijin dwar dan is-suġġett, indikaw li jkun aħjar għalihom li jemigraw lejn Franza, fejn il-prezz tal-proprjetà huwa ferm inqas u l-ħajja aktar affordabbli.

   Is-sostenibbiltà ambjentali tirrappreżenta sfida konsiderevoli oħra. Dan minħabba li l-Iżvizzera qed tfittex li ssib bilanċ bejn il-prosperità ekonomika u l-miri ferm ambizzjużi favur il-klima u l-ambjent. Jeħtieġ li dawn l-isfidi jerġgħu jiġu kkunsidrati u diskussi fit-tul fil-qasam tal-politiki dwar l-enerġija, it-trasport, u l-agrikoltura.

   Barra minn hekk, l-Iżvizzera qed tiffaċċja pressjonijiet relatati mal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni li jirriflettu xejriet Ewropej usa', fosthom id-dinamika bejn il-multikulturaliżmu, il-koeżjoni soċjali, u l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-immigranti. Din il-pressjoni qed toħloq sfidi soċjali u politiċi kontinwi.

Iż-żamma tal-kompetittività u tal-kapaċità ta' innovazzjoni, li l-Iżvizzera hija magħrufa globalment għaliha, titlob investiment kontinwu fir-riċerka u l-iżvilupp fost il-volatilità ekonomika globali u t-tensjonijiet ġeopolitiċi. Dawn l-isfidi kollettivament jeħtieġu l-integrazzjoni ta' azzjonijiet politiċi u strateġiċi biex jissostnew l-istabbiltà, il-prosperità, u l-pożizzjoni internazzjonali tal-Iżvizzera fis-snin li ġejjin.

Għalkemm ġeneralment jidher li s-sena 2025 mhix se tkun differenti mis-snin ta' qabel f'termini ta' stabbiltà politika u ekonomika, il-pajjiż se jiffaċċja xi sfidi, kemm fil-livell intern kif ukoll f'dak internazzjonali. Id-defiċit tal-Iżvizzera huwa stmat għal madwar 3 biljun Frank fis-sena (Swiss Federal Department of Finance, 2025). Dan huwa dovut l-aktar għall-infiq addizzjonali biex jingħataw spinta lill-armata – żieda ta' 4 biljuni approvati mill-Parlament għas-snin 2025-2028 – u lill-pensjonijiet tal-istat.

Il-gvern federali Żvizzeru qabbad grupp ta' esperti biex iżomm kontroll fuq l-ispejjeż tiegħu. Dawn ippreżentaw aktar minn 60 miżura biex jitrażżan b'mod konsiderevoli l-infiq tal-gvern, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu ffrankati minn 4 sa 5 biljun Frank fis-sena. Għalkemm sal-lum ma ttieħdu l-ebda miżuri konkreti, dan li ġej se jkun fuq l-aġenda tal-gvern federali Żvizzeru fl-2025.

It-trażżin tal-infiq qed jiġi propost fuq (i) iċ-ċentri tal-indukrar tat-tfal; (ii) is-sussidji għall-infrastruttura tal-ferroviji u t-toroq; u (iii) il-qasam tal-edukazzjoni għolja, b'xi miżati universitarji mistennija li jirdoppjaw jew jikkwadruplaw biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas fl-infiq tal-gvern. Barra minn hekk, il-gvern federali qed jesplora l-possibbiltà li jneħħi l-vantaġġ tat-taxxa għal dawk li jirtiraw il-kapital fuq it-tieni u t-tielet pilastru tal-pensjoni.

Sfida oħra għall-Iżvizzera hija li din issib modi kif trażżan l-infiq tal-gvern fuq il-kura tas-saħħa u, sussegwentement, tnaqqas il-primjums tal-assigurazzjoni tas-saħħa. L-istess grupp ta' esperti qed jipproponi tnaqqis sostanzjali ta' proċeduri mediċi bla bżonn u tariffa ta' 50 Frank fuq żjarat mhux riferuti ġewwa l-emerġenza.

Minkejja l-iżbilanċ ogħla tal-baġit, id-dejn tal-gvern tal-Iżvizzera jidher li xorta se jkun relattivament baxx meta mqabbel mal-livell internazzjonali. Nixtieq ukoll nirreferi lill-Onorevoli membri tal-Gvern għal stħarriġ li sar reċentement mill-kumpanija Travel Inside dwar l-isfidi li qed jiffaċċjaw is-sħab fil-qasam tat-turiżmu u l-ivvjaġġar ġewwa l-Iżvizzera, b'mod ġenerali fl-2025:

- 10% tal-parteċipanti wieġbu li t-tibdil fil-klima huwa l-akbar sfida għall-Iżvizzera fl-2025;
- 11% wieġbu li n-nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati huwa l-akbar sfida għall-Iżvizzera fl-2025;
- 12% tal-parteċipanti wieġbu li l-pressjoni mill-kompetituri biex jitnaqqsu l-prezzijiet hija l-akbar sfida għall-Iżvizzera fl-2025;
- 13% tal-parteċipanti wieġbu li t-tibdil fl-imġiba tal-konsumatur hija l-akbar sfida għall-Iżvizzera fl-2025;

- 22% wieġbu li l-inċertezza ekonomika, bħall-possibbiltà ta' inflazzjoni jew reċessjoni, hija l-akbar sfida għall-Iżvizzera fl-2025; u
- 32% tal-parteċipanti wieġbu li l-iżviluppi ġeopolitiċi, bħall-gwerrer, huma l-akbar sfidi għall-Iżvizzera fl-2025.




©TRAVEL INSIDE

**2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

Jekk ninħatar ambaxxatur, beħsiebni naħdem fuq aġenda wiesgħa li tkompli tikkapitalizza fuq r-relazzjonijiet tajba li diġà jeżistu bejn Malta u l-Iżvizzera. L-oqsma ewlenin se jkunu:

- **Id-diplomazija ekonomika (kummerċ u investiment)**: Beħsiebni nagħti prijorità lil inizjattivi biex jingħata spinta lill-kummerċ bilaterali u jiġi attirat aktar investiment ta' kwalità. Dan jinkludi l-appoġġ lin-negozji Maltin li jfittxu opportunitajiet fl-Iżvizzera u t-tħeġġiġ ta' kumpaniji Żvizzeri biex jinvestu jew jespandu f'Malta. Se nkun ukoll qed naħdem fuq delegazzjonijiet kummerċjali, forums tan-negozju, u networking tajjeb bejn il-kmamar tal-kummerċ tagħna biex niffaċilita l-iskambju ekonomiku.
- **Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u r-riċerka**: Hawnhekk, beħsiebni nħares lejn skambji akkademiċi u edukattivi bejn Malta u l-Iżvizzera. Se nkun qed inħeġġeġ sħubijiet bejn universitajiet akkademiċi u tekniċi Żvizzeri u istituzzjonijiet edukattivi ta' livell ogħla liċenzjati ġewwa Malta, programmi ta' skambju ta' studenti, u kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni. Malta tista' tibbenefika mill-għarfien espert tal-Iżvizzera f'oqsma bħat-taħriġ vokazzjonali u r-riċerka xjentifika, filwaqt li toffri l-għarfien u l-ħiliet tagħha fit-tagħlim tal-lingwa Ingliża u t-taħriġ tal-ħiliet diġitali.

- **It-turiżmu u l-iskambju kulturali**: L-espansjoni tat-turiżmu fiż-żewġ pajjiżi hija importanti. Għalhekk, beħsiebni nikkollabora mal-awtoritajiet tat-turiżmu biex nippromwovi kemm lil Malta għall-klima sħuna, l-istorja, u l-programmi tal-Ingliż tagħha mat-turisti Żvizzeri, kif ukoll lill-Iżvizzera bħala destinazzjoni għall-vjaġġaturi Maltin. Barra minn hekk, se nkun qed nappoġġa skambji kulturali bħal wirjiet tal-arti, festivals tal-films, u proġetti tal-patrimonju li jesponu l-kultura Maltija fl-Iżvizzera u bil-maqlub permezz tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-persuni. Ta' min wieħed jinnota li skont statistika tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, 67,857 persuna mill-Iżvizzera żaru Malta fl-2024, u saħansitra jidher li hemm lok ta' titjib fin-numru ta' turisti mill-Iżvizzera li jżuru Malta fil-ħarifa.
- **Il-kollaborazzjoni politika u diplomatika**: Mil-lat diplomatiku, beħsiebni niffoka fuq it-titjib tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fix-xena internazzjonali. Kemm Malta kif ukoll l-Iżvizzera għandhom impenn komuni għan-newtralità u l-paċi. Għalhekk, se nkun qed nesplora inizjattivi konġunti fil-medjazzjoni tal-kunflitti, l-azzjoni umanitarja, u d-djalogu permezz tan-Nazzjonijiet Uniti u forums internazzjonali oħra. Il-konsultazzjonijiet politiċi regolari u ż-żjarat ta' livell għoli bejn il-gvernijiet tagħna se jkunu wkoll fuq l-aġenda tiegħi biex niżgura allinjament kontinwu fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' interess reċiproku. Se nkun qed niffoka wkoll fuq il-kollaborazzjoni li Malta u l-Iżvizzera għandhom mad-DiploFoundation, kif se nispeċifika fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija li jmiss.
- **Il-programmi bilaterali u l-kooperazzjoni finanzjarja**: Beħsiebni niżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' programmi bilaterali eżistenti, fosthom il-kontribuzzjoni finanzjarja Żvizzera għal proġetti mmirati biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali f'Malta. Se nkun ukoll qed naħdem biex nenfasizza s-suċċess ta' dawn il-proġetti u nħeġġeġ aktar proġetti bilaterali simili. Barra minn hekk, se nkun qed nappoġġa l-esplorazzjoni ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni jew opportunitajiet ta' finanzjament f'oqsma bħall-infrastruttura, l-ambjent, jew l-innovazzjoni, billi nibni fuq ir-rekord pożittiv tal-kollaborazzjoni bejn l-Iżvizzera u Malta.

**3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?**

Bħala Ambaxxatur, beħsiebni nfittex b'mod attiv li nsaħħaħ kemm ir-rabtiet politiċi kif ukoll dawk soċjali bejn Malta u l-Iżvizzera. Mil-lat ta' politika, se nkun qed naħdem biex niffaċilita d-djalogu regolari fil-livelli kollha tal-gvern. Dan ifisser li se jkunu qed jitħeġġu żjarat u laqgħat ta' livell għoli aktar frekwenti bejn uffiċjali u mexxejja Maltin u Żvizzeri. Dawn iż-żjarat jistgħu jwittu t-triq għal ftehim reċiproku aktar profond u pożizzjonijiet koordinati dwar kwistjonijiet internazzjonali.

Se nkun qed nimmira wkoll li nistabbilixxi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni strutturata bħal, pereżempju, taħditiet bilaterali annwali jew kummissjoni konġunta, fejn ikunu jistgħu jiġu diskussi oqsma ta' kooperazzjoni li jvarjaw minn ftehimiet ekonomiċi għal politiki ta' sigurtà.

Jekk nistituzzjonalizzaw id-djalogu politiku, inkunu nistgħu niżguraw li r-relazzjoni tibqa' dinamika u reattiva għal kwalunkwe sfidi jew opportunitajiet ġodda.

F'termini ta' rabtiet soċjali, beħsiebni niffoka fuq il-konnessjonijiet bejn il-persuni u d-diplomazija kulturali. L-appoġġ li se jkun qed jingħata lid-dijaspora permezz ta' avvenimenti komunitarji, flimkien ma' appoġġ konsulari effiċjenti, se jippermetti titjib fir-rabtiet soċjali. Barra minn hekk, se nkun qed nippromwovi skambji kulturali u edukattivi, norganizza festivals kulturali Maltin fl-Iżvizzera, niffaċilita sħubijiet fl-iskejjel u fl-universitajiet – hawnhekk ma nistax ma nsemmix il-koperazzjoni li diġà teżisti b'mod partikolari mal-MEDAC u d-DiploFoundation – u nappoġġa programmi ta' skambju, li mhux biss ikunu bbażati fuq il-parteċipazzjoni, iżda saħansitra jkunu akkreditati.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, beħsiebni naħdem biex l-iskejjel tal-lingwa Ingliża f'Malta, li huma popolari ħafna barra minn xtutna, ikomplu jattiraw aktar studenti Żvizzeri, filwaqt li istituzzjonijiet Żvizzeri magħrufa għall-ospitalità jew l-inġinerija jospitaw aktar studenti jew professjonisti Maltin għat-taħriġ. It-tisħiħ ta' dawn l-interazzjonijiet soċjali u kulturali jista' jwassal għal rieda tajba u fehim reċiproku fil-livell bażi, u dan jgħin biex tissaħħaħ ir-relazzjoni politika uffiċjali.

**4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Waħda mill-isfidi sinifikanti hija l-għarfien relattivament baxx dwar il-potenzjal taż-żewġ pajjiżi fil-komunitajiet pubbliċi u kummerċjali ta' xulxin. In-nuqqas ta' kwistjonijiet kontenzjużi bejn Malta u l-Iżvizzera jista' jirriżulta fiż-żamma tal-istatus quo, u dan jillimita l-opportunitajiet ġodda bejn iż-żewġ pajjiżi. Biex jingħeleb dan, jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiżdied il-proattività fis-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni billi, pereżempju, jitqassmu l-istejjer ta' kooperazzjonijiet li rnexxew bejn Malta u l-Iżvizzera u jiġu enfasizzati l-opportunitajiet disponibbli f'kull pajjiż.

Bħala Ambaxxatur, beħsiebni norganizza seminars u kampanji ta' informazzjoni sabiex in-negozji u ċ-ċittadini Żvizzeri jitgħallmu aktar dwar l-ekonomija vibranti u l-wirt kulturali ta' Malta, filwaqt li bl-istess mod inqajjem kuxjenza f'Malta dwar dak li għandha x'toffri l-Iżvizzera. Se nkun qed naħdem ukoll mal-Malta Enterprise biex jiġu organizzati missjonijiet ta' kummerċ u jinħolqu skemi trasparenti biex in-negozjanti Maltin jesploraw is-suq Żvizzeru.

Għal kuntrarju ta' Malta, l-Iżvizzera mhix membru tal-UE minħabba ftehimiet bilaterali, u dan jista' jwassal għal nuqqasijiet fil-kollaborazzjoni jew saħansitra nuqqasijiet ta' ftehim, speċjalment fi kwistjonijiet regolatorji jew ekonomiċi. Biex negħleb dan, beħsiebni naħdem biex niżgura l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi bilaterali b'saħħithom li jimlew kwalunkwe vojt. F'każ li, pereżempju, ma jkunx hemm forum madwar l-UE għal Malta u l-Iżvizzera biex jikkooperaw fuq ċerti kwistjonijiet, jien se nkun qed infittex li jsir djalogu bilaterali dirett jew ftehim imfassal apposta għal dak il-għan.

Il-pożizzjoni ta' Malta fi ħdan l-UE għandha tappoġġa l-inklużjoni Żvizzera fl-inizjattivi tagħha kull meta jkun possibbli, u b'mod reċiproku, l-Iżvizzera għandha tinforma b'mod ċar

lil Malta dwar l-iżviluppi tagħha mal-UE. Jekk nindirizzaw dawn l-isfidi b'mod effettiv, inkunu qed nikkontribwixxu biex intejbu l-għarfien reċiproku u nnaqqsu d-differenzi, filwaqt li noħolqu pedament sod għal sħubija aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti bejn iż-żewġ pajjiżi.

**5. X'taħseb li huma n-niċeċ li fihom nistgħu nsibu sinerġiji bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun qed tirrapreżenta?**

L-oqsma ewlenin li fihom tista' tinstab sinerġija bejn Malta u l-Iżvizzera huma dawn li ġejjin:

- **Is-servizzi finanzjarji**: Iż-żewġ pajjiżi għandhom setturi finanzjarji li l-qafas tagħhom huwa żviluppat sew. L-Iżvizzera hija magħrufa għall-ġestjoni bankarja, filwaqt li Malta saret ċentru għas-servizzi bankarji FinTech u diġitali. Għaldaqstant, nara li hemm opportunità ta' kollaborazzjoni fl-innovazzjoni ta' teknoloġiji finanzjarji bħall-blockchain, fejn il-kompetenza finanzjarja Żvizzera u l-innovazzjoni regolatorja Maltija jistgħu jingħaqdu. Konferenzi jew proġetti konġunti f'dawn l-oqsma jistgħu jibbenefikaw liż-żewġ industriji finanzjarji.
- **Ix-xjenzi u l-kura tas-saħħa**: L-Iżvizzera għandha industrija farmaċewtika u bijoteknoloġika b'saħħitha, u Malta qed tinvesti b'mod sostanzjali fis-settur tax-xjenzi permezz ta' faċilitajiet ta' manifattura farmaċewtika u riċerka dwar is-saħħa. Għalhekk, nistgħu nsibu sinerġiji fir-riċerka akkademika u klinika, fil-kummerċ farmaċewtiku, u fl-innovazzjonijiet fil-kura tas-saħħa. L-istituzzjonijiet ta' riċerka f'Malta jistgħu, pereżempju, jissieħbu ma' kumpaniji farmaċewtiċi Żvizzeri fi provi kliniċi jew fl-iżvilupp ta' teknoloġija medika billi jisfruttaw is-sħubija ta' Malta fl-UE għall-approvazzjonijiet regolatorji u s-saħħa tal-Iżvizzera fir-riċerka u l-iżvilupp.
- **L-edukazzjoni u t-taħriġ**: Il-kollaborazzjoni edukattiva hija niċċa li tagħti benefiċċji fit-tul. L-iskejjel famużi għall-ospitalità u t-taħriġ vokazzjonali tal-Iżvizzera jistgħu jissieħbu mal-industrija tat-turiżmu u s-servizzi ta' Malta biex b'hekk jissaħħu l-ħiliet fiż-żewġ pajjiżi. Bl-istess mod, is-settur edukattiv ta' Malta bil-lingwa Ingliża jista' jkun attraenti għall-istudenti Żvizzeri, filwaqt li l-universitajiet Żvizzeri, fosthom dawk tal-inġinerija, il-finanzi, u x-xjenza, jistgħu jilqgħu aktar studenti jew riċerkaturi Maltin. Għalhekk, jeħtieġ li noħolqu programmi ta' skambju speċjalizzati jew boroż ta' studju f'oqsma bħall-ġestjoni tal-ospitalità jew l-inġinerija marittima. Hawnhekk ma jonqosx ukoll li nsemmi lill-Università ta' Malta, l-MCAST, u l-ITS.
- **It-turiżmu u l-ivvjaġġar**: Kemm Malta kif ukoll l-Iżvizzera għandhom xi ħaġa unika x'joffru fil-qasam tat-turiżmu, Malta bil-klima Mediterranja u s-siti storiċi tagħha, u l-Iżvizzera bix-xenarju alpin tagħha. Lil hinn mit-turiżmu ġenerali, nistgħu nikkooperaw fi swieq bħal dawk tat-turiżmu tas-saħħa, it-turiżmu tal-lingwa, u t-turiżmu tal-konferenzi (MICE). L-irtiri tas-saħħa u l-benesseri fl-Alpi Żvizzeri jistgħu, pereżempju, jiġu kkummerċjalizzati lit-turisti Maltin, filwaqt li l-għadis u t-tours storiċi ta' Malta jistgħu jattiraw gruppi tal-ivvjaġġar Żvizzeri. Il-kummerċjalizzazzjoni kollaborattiva u l-pakketti tat-tours jistgħu joħolqu sinerġija fis-settur tat-turiżmu. Għalhekk, lest li naħdem mill-qrib kemm mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kif ukoll mal-FATTA.

- **Is-servizzi marittimi u tal-jottijiet**: Malta hija mexxejja globali fir-reġistrazzjoni tal-vapuri u s-servizzi tal-jottijiet, u minkejja li l-Iżvizzera m'għandhiex kosti, ħafna individwi u negozji Żvizzeri għandhom jottijiet jew assi marittimi. Malta tista' tkun il-bandiera magħżula għas-sidien tal-jottijiet Żvizzeri, filwaqt li l-investiment Żvizzeru jista' jidħol fis-settur marittimu ta' Malta. Għalhekk, nistgħu naħdmu fuq il-promozzjoni tar-reġistru u s-servizzi marittimi ta' Malta lil klijenti korporattivi Żvizzeri billi nagħqdu l-għarfien dwar l-investiment Żvizzeru mal-kompetenza marittima ta' Malta bħala niċċa sinerġistika.

Dawn il-proposti mhux biss jiftħu opportunitajiet kummerċjali u kollaborattivi ġodda, iżda jkomplu wkoll isaħħu r-relazzjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. Kull sħubija ta' suċċess f'qasam imsemmi f'dan id-dokument għandha twassal għal benefiċċji bilaterali filwaqt li tħeġġeġ aktar inizjattivi.

**6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Bħalissa, il-kummerċ bejn Malta u l-Iżvizzera huwa wieħed sod iżda hemm opportunità ta' tkabbir sinifikanti. Fl-2021, Malta esportat lejn l-Iżvizzera ammont li jilħaq is-€36.4 miljun, u li jikkonsisti fil-biċċa l-kbira tiegħu fi prodotti farmaċewtiċi (€28.9 miljun). Min-naħa l-oħra, l-importazzjonijiet ammontaw għal €88.9 miljun u kienu jikkonsistu primarjament f'ajruplani u l-parts tagħhom (€35.5 miljun), arti u antikitajiet (€15.8 miljun), prodotti farmaċewtiċi (€14.8 miljun), u arloġġerija (€4.5 miljun).

Għalhekk, beħsiebni nibda billi niffaċilita aktar konnessjonijiet diretti bejn il-komunitajiet tan-negozju tagħna. Dan jinkludi l-organizzazzjoni ta' missjonijiet ta' kummerċ b'kollaborazzjoni mal-Malta Enterprise fiż-żewġ pajjiżi. Bħala eżempju, insemmi t-tmexxija ta' delegazzjonijiet ta' intraprendituri Maltin fl-Iżvizzera biex jiltaqgħu ma' sħab u investituri potenzjali, u bl-istess mod jilqgħu f'Malta delegazzjonijiet kummerċjali Żvizzeri. Permezz ta' dawn l-iskambji, il-kumpaniji jistgħu jiskopru diversi opportunitajiet, kemm jekk huma ditti Maltin li jesportaw prodotti u servizzi lejn is-suq Żvizzeru, kif ukoll jekk huma ditti Żvizzeri li jqisu lil Malta bħala pjattaforma attraenti għall-UE u r-reġjun tal-Mediterran.

Possibilità oħra hija li jittejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kummerċ u l-investiment. Minkejja li diġà għandna l-Ftehim dwar it-Tassazzjoni Doppja u trattati bażiċi oħra li jgħinu lin-negozju, se nkun ukoll qed naħdem biex niżgura li n-negozji jkunu kompletament konxji ta' dawn il-vantaġġi. Jekk nara li l-ostakli burokratiċi jew il-lakuni fl-informazzjoni qed ikunu ta' tfixkil għall-kummerċ, jien se nkun qed nikkollabora mal-awtoritajiet rilevanti biex nissimplifika l-proċessi, fosthom il-proċeduri doganali għall-merkanzija Maltija li tidħol fl-Iżvizzera u bil-maqlub, filwaqt li niżgura s-sigurtà, l-iskrutinju, u t-trasparenza assoluta f'dak kollu li jkun qed isir.

Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni speċifika għas-settur hija daqstant importanti. Setturi bħas-servizzi finanzjarji, it-teknoloġija diġitali, u dawk farmaċewtiċi huma promettenti fiż-żewġ pajjiżi. Għalhekk, beħsiebni nħeġġeġ impriżi konġunti u t-trasferiment tal-għarfien f'dawn l-oqsma. Il-kumpaniji Żvizzeri magħrufa għall-manifattura bi preċiżjoni jew il-prodotti farmaċewtiċi jistgħu, pereżempju, jissieħbu ma' ditti Maltin jew jistabbilixxu operazzjonijiet f'Malta billi jieħdu vantaġġ mill-ħiliet u l-għarfien ta' professjonisti u ħaddiema Maltin, u eventwalment mill-aċċess għas-suq uniku tal-UE. Mill-banda l-oħra, l-istart-ups tat-teknoloġija u l-kumpaniji fil-qasam diġitali f'Malta jistgħu jinvestu jew isibu klijenti fl-ekonomija tat-teknoloġija avvanzata tal-Iżvizzera.

**7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Malta u l-Iżvizzera għandhom għadd ta' trattati u ftehimiet bilaterali importanti fis-seħħ, u parti mir-rwol tiegħi se jkun li niżgura li dawn jiġu implimentati sal-ogħla potenzjal tagħhom. Eżempju ewlieni huwa l-Ftehim dwar it-Tassazzjoni Doppja (DTA) iffirmat fl-2011, li tfassal biex jipprevjeni li n-negozji jew l-individwi jiġu ntaxxati darbtejn fuq l-istess dħul. Dan it-trattat jipprovdi qafas stabbli għall-investiment transfruntier u, għalhekk, se nkun qed naħdem biex inqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tiegħu fost l-investituri u l-kumpaniji fiż-żewġ pajjiżi.

Jekk niżguraw fehim u użu tajjeb tad-dispożizzjonijiet tad-DTA billi, pereżempju, niżguraw li n-negozji eliġibbli jitolbu l-benefiċċji tat-trattat, inkunu nistgħu niffaċilitaw flussi ta' kummerċ u investiment aktar faċli. Barra minn hekk, f'każ li jkun hemm xi kwistjonijiet tekniċi jew ikunu meħtieġa xi aġġornamenti, bħal aġġustamenti fil-konformità mat-taxxa internazzjonali, se nkun qed nappoġġa n-negozjati biex it-trattat jinżamm effettiv u aġġornat.

F'termini ta' ftehimiet futuri, nara wkoll lok għall-esplorazzjoni ta' trattati jew arranġamenti ġodda biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna. Qasam wieħed jista' jkun il-ftehim bilaterali għall-protezzjoni tal-investiment, biex l-investituri jingħataw fiduċja u salvagwardji legali addizzjonali fiż-żewġ pajjiżi. Trattat potenzjali ieħor jista' jiffoka fuq il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, minħabba l-ħila tal-Iżvizzera fir-riċerka u l-ekosistema ta' innovazzjoni dejjem tikber ta' Malta. Ftehim formali jew memorandum f'dan il-qasam jista' jixpruna proġetti konġunti ta' riċerka jew skemi ta' finanzjament bħalma hija l-iskema tal-Kontribuzzjoni Żvizzera li bħalissa tiffoka fuq il-kura tas-saħħa.

Nistgħu wkoll inħarsu lejn ftehim aġġornat dwar is-servizzi tal-ajru biex tiġi żgurata konnettività aħjar bejn il-linji tal-ajru Maltin u Żvizzeri li jappoġġaw it-turiżmu u l-ivvjaġġar kummerċjali. Barra minn hekk, meta nqisu r-relazzjoni unika tal-Iżvizzera mal-UE, nistgħu nesploraw strumenti li jifformalizzaw il-kooperazzjoni f'oqsma mhux koperti direttament mill-ftehimiet bejn l-UE u l-Iżvizzera. Eżempju wieħed jista' jkun ftehim imfassal apposta dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali sabiex il-professjonisti Maltin u Żvizzeri jkunu jistgħu jaħdmu b'mod aktar faċli fil-pajjiżi ta' xulxin.

Madankollu, minkejja li beħsiebni nipproponi trattati ġodda, se nkun żgur li nevita kunflitti mal-ftehimiet tal-UE billi niffoka biss fuq oqsma li verament jeħtieġu approċċ bilaterali. Dan se nwettqu billi niżgura kemm l-implimentazzjoni bis-sħiħ ta' dak li diġà għandna kif ukoll l-espansjoni intenzjonata fi ftehimiet ġodda.

**8. Taħseb li hemm lok għal iżjed kooperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Kif speċifikajt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija numru 5 f'din it-taqsima, iż-żieda fl-iskambju tat-turisti bejn iż-żewġ pajjiżi hija għan importanti. Malta, bil-klima xemxija, l-istorja rikka, u l-baħar sabiħ tagħha, hija destinazzjoni attraenti għat-turisti Żvizzeri matul is-sena kollha. Għall-kuntrarju, ix-xenarju alpin, iċ-ċentri turistiċi tal-iskijjar, u n-natura fis-sajf ġewwa l-Iżvizzera jsejħu lil dawk il-vjaġġaturi Maltin li qed ifittxu esperjenzi differenti minn dawk ta' gżiritna.

Bħala Ambaxxatur, beħsiebni nħeġġeġ inizjattivi ta' kummerċjalizzazzjoni konġunti bejn l-awtoritajiet u l-operaturi tat-turiżmu fiż-żewġ pajjiżi bħal, pereżempju, fieri tat-turiżmu ospitati b'mod konġunt jew ġimgħat promozzjonali li jenfasizzaw il-kultura Maltija fl-ibliet Żvizzeri u l-kultura Żvizzera fil-Belt Valletta. Jekk ikun hemm kollaborazzjoni f'dan ir-rigward, inkunu nistgħu nilħqu udjenza usa' u nuru kif id-destinazzjonijiet tagħna jikkumplimentaw lil xulxin. Ta' min wieħed isemmi li fl-2024, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ħadet sehem f'seba' fieri tal-ivjaġġar ġewwa l-Iżvizzera.

Aspett ieħor huwa t-titjib fil-konnettività u l-konvenjenza għat-turisti. Se nkun qed naħdem mal-linji tal-ajru u l-kumpaniji tal-ivvjaġġar biex niżgura li jkun hemm abbundanza fil-konnessjonijiet tat-titjiriet matul is-sena kollha u pakketti tal-ivvjaġġar bejn Malta u l-Iżvizzera. It-titjiriet diretti huma kruċjali. Għalkemm bħalissa hemm konnessjonijiet diretti li qed jiġu operati b'mod staġonali, il-promozzjoni ta' titjiriet aktar frekwenti matul is-sena kollha, jew rotot addizzjonali li jgħaqqdu lil Malta mal-bliet ewlenin tal-Iżvizzera, bħal Zurich jew Ġinevra, tista' tagħti spinta sinifikanti lit-turiżmu fiż-żewġ pajjiżi.

Barra minn hekk, jista' jkun hemm ukoll kooperazzjoni f'setturi turistiċi speċifiċi. Pereżempju, kif issemma' aktar kmieni f'dan id-dokument, Malta hija magħrufa bħala ċentru ewlieni għat-tagħlim tal-Ingliż bħala lingwa barranija u għalhekk, nistgħu nħeġġu l-promozzjoni ta' pakketti intensivi ta' vaganzi ffokati fuq il-lingwa, mhux biss lil studenti konvenzjonali, iżda wkoll lil professjonisti Żvizzeri li jkunu qed ifittxu li jtejbu l-Ingliż tagħhom.

Min-naħa l-oħra, it-turiżmu rinomat tal-benesseri u l-mediċina fl-Iżvizzera, bħaċ-ċentri turistiċi bl-ispa jew il-kliniki, jista' jiġi promoss f'Malta. L-Iżvizzera hija famuża għall-istandards tagħha fil-qasam tat-turiżmu u l-ospitalità sostenibbli, u dawn nistgħu nitgħallmu minnhom waqt il-ħidma tagħna biex nagħmlu t-turiżmu tagħna aktar sostenibbli u ta' kwalità għolja. Għalhekk, se nkun qed naħdem biex jitwaqqfu skambji u programmi ta' taħriġ għall-professjonisti tat-turiżmu Maltin f'istituzzjonijiet Żvizzeri u bil-maqlub f'dak li jirrigwarda l-operat tat-turiżmu sostenibbli.

9. **Fil-livell ta' politika Ewropea u internazzjonali, tara li ż-żewġ pajjiżi rispettivi jistgħu jsaħħu l-kooperazzjoni bejniethom, b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni Ewropea?**

Iva, fil-livell Ewropew u internazzjonali, nara li hemm potenzjal konsiderevoli li Malta u l-Iżvizzera jsaħħu l-kooperazzjoni bejniethom minkejja l-allinjamenti formali differenti. L-impenn komuni bejn Malta u l-Iżvizzera f'dak li jirrigwarda n-newtralità jista' jkun il-pedament ta' din il-kollaborazzjoni. Għalkemm l-Iżvizzera mhix membru tal-Unjoni Ewropea, xorta waħda għandha rabta mill-qrib mal-Ewropa permezz ta' bosta ftehimiet bilaterali u l-parteċipazzjoni tagħha f'oqfsa bħaż-żona Schengen.

Bħala stat membru tal-UE, Malta tista' tkun pont ta' ħbiberija għall-Iżvizzera fid-diskussjonijiet Ewropej. Malta tista', pereżempju, tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'inizjattivi mmexxija mill-UE bħal programmi ta' riċerka u innovazzjoni, jew it-tisħiħ fi skemi ta' skambju ta' studenti. Għalhekk, beħsiebni nuża l-vuċi ta' Malta fi ħdan il-kunsilli tal-UE biex nirrakkomanda politiki inklużivi li jippermettu li sħab mhux membri tal-UE, bħall-Iżvizzera, jikkontribwixxu u jibbenefikaw minn proġetti Ewropej.

F'oqsma bħar-riċerka xjentifika jew l-edukazzjoni għolja, fejn l-Iżvizzera teċċella u Malta hija ħerqana li tikkollabora, din il-kooperazzjoni tista' tkompli tissaħħaħ fil-livell Ewropew, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żewġ pajjiżi jkomplu jitgħallmu minn xulxin u jaħdmu flimkien favur l-innovazzjoni.

Fil-livell internazzjonali, kemm Malta kif ukoll l-Iżvizzera għandhom tradizzjonijiet twal ta' newtralità u rwoli kostruttivi fid-diplomazija globali. Hawnhekk, nara diversi opportunitajiet għalina biex nikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħna fi kwistjonijiet globali bħall-medjazzjoni tal-kunflitti u d-drittijiet tal-bniedem. Fil-fatt, l-Iżvizzera diġà qed tilqa' u timmedja negozjati ta' paċi, filwaqt li Malta bħalissa tokkupa pożizzjoni newtrali li tippermettilha tiffaċilita d-djalogu fir-reġjun tal-Mediterran u lil hinn minnu, kif diġà qed tagħmel. Jekk jaqsmu l-informazzjoni u l-istrateġiji, iż-żewġ pajjiżi jkunu jistgħu jiddefendu flimkien inizjattivi għall-paċi u l-istabbiltà.

Barra minn hekk, l-Iżvizzera hija mexxejja fl-azzjoni umanitarja u l-iżvilupp internazzjonali, u Malta, għalkemm iżgħar, għandha l-inizjattivi tagħha stess, speċjalment fil-Mediterran u l-Afrika. Hawnhekk, nistgħu nsaħħu l-kooperazzjoni permezz ta' attivitajiet ta' żvilupp li jikkoordinaw il-proġetti fiż-żewġ pajjiżi, jew billi Malta tappoġġa proposti Żvizzeri f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali mmirati li jgħinu stati żgħar jew jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni.

Fil-kuntest tas-sigurtà Ewropea, Malta u l-Iżvizzera jistgħu wkoll jaqsmu perspettivi dwar kif pajjiżi newtrali jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbiltà reġjonali billi, pereżempju, iservu bħala mudelli ta' kif għandhom jinżammu s-sovranità u s-sigurtà mingħajr ma neċessarjament jingħaqdu ma' alleanzi militari. Dan l-approċċ jista' jamplifika l-vuċijiet kemm ta' Malta kif ukoll tal-Iżvizzera fix-xena dinjija meta jitkellmu fi qbil dwar kwistjonijiet kritiċi.

10. **Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Għalkemm qatt ma kont direttament parti minn korp diplomatiku fis-sens tradizzjonali, nemmen li l-involviment tiegħi f'attivitajiet internazzjonali bħala uffiċjal tal-Gvern Malti tani esperjenza rilevanti għas-servizz diplomatiku. Ħdimt mill-qrib mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'diversi okkażjonijiet. Pereżempju, fil-passat kont parti minn delegazzjoni kummerċjali Maltija, fejn attendejt bosta laqgħat f'pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Etjopja, u fejn fihom ikkoordinajt ma' uffiċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin biex nirrappreżenta l-interessi ekonomiċi ta' Malta barra minn xtutna, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni ta' livell ogħla.

Attendejt ukoll bosta konferenzi u forums internazzjonali, fejn irrappreżentajt diversi organizzazzjonijiet Maltin quddiem numru ta' kontropartijiet barranin fl-Ewropa u lil hinn minnha. Dawn l-esperjenzi tawni l-opportunità li nibni network ta' kuntatti u nifhem il-protokolli diplomatiċi u n-negozjati.

Barra minn dawn l-esperjenzi, l-isfond edukattiv tiegħi ppreparani għal dmirijiet diplomatiċi. Reċentement, għamilt kors fid-diplomazija globali. Dan it-taħriġ formali, li wassal għal ċertifikat uffiċjali ta' parteċipazzjoni, flimkien ma' impenji prattiċi oħra, bħall-parteċipazzjoni f'kunsilli bilaterali tan-negozju u programmi ta' skambju kulturali, ifisser li mhux se nkun qed nidħol fis-settur diplomatiku mingħajr ebda esperjenza.

Barra minn hekk, ikkollaborajt ma' diversi ambaxxati barranin f'diversi kapaċitajiet. Eżempju wieħed kien meta għent fl-organizzazzjoni ta' avveniment kulturali fi sħubija ma' waħda minn dawn l-ambaxxati. Dan kien jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib u komunikazzjoni interkulturali.

Permezz ta' dawn l-esperjenzi kollha, żviluppajt ħiliet fin-negozjar, id-diplomazija pubblika, u l-fehim transkulturali. Jekk ninħatar bħala Ambaxxatur, beħsiebni nisfrutta din it-taħlita ta' esperjenzi u għarfien akkademiku biex naqdi l-interessi ta' Malta b'mod effettiv. Ninsab fiduċjuż li l-esperjenza tiegħi fl-affarijiet barranin u l-familjarità tiegħi max-xogħol diplomatiku se jippermettuli nagħmel tranżizzjoni bla xkiel għal dan ir-rwol.

11. **Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Bħalissa nokkupa l-kariga ta' Dekan Eżekuttiv u Viċi President ta' istituzzjoni edukattiva privata ta' livell ogħla liċenzjata f'Malta. Jekk ninħatar bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera, beħsiebni nżomm dan l-impjieg. Kif se nispeċifika aktar 'il quddiem, kont ukoll nokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Kap Operattiv full-time fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi sa Ottubru 2024, u bħalissa ninsab fl-aħħar fażi tat-trasferiment ta' din il-kariga.

**12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

Għandi sehem ta' 2.5% f'istituzzjoni edukattiva privata ta' livell ogħla liċenzjata f'Malta. Din l-attività ma tikkostitwixxi l-ebda kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva.

**13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?**

Nikkonferma li m'għandi l-ebda rabtiet kummerċjali, investimenti, jew impriżi kummerċjali fl-Iżvizzera. Se nkun qed navviċina l-kariga b'imparzjalità assoluta u mingħajr ebda aġenda finanzjarja personali fil-pajjiż ospitanti. In-nuqqas ta' interessi privati fl-Iżvizzera jiżgura li x-xogħol tiegħi bħala Ambaxxatur ikun iffokat biss fuq l-interessi nazzjonali ta' Malta u l-interessi reċiproċi taż-żewġ pajjiżi tagħna.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera?**

Jien nħares lejn ir-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera bħala wieħed multidimensjonali, li jirrappreżenta l-interessi nazzjonali ta' Malta b'mod effettiv u effiċjenti, u li irrispettivament minn jekk dan ikunx residenti f'dan il-pajjiż jew le, m'għandux ixekkel il-ħolqien u l-ilħuq ta' miri diplomatiċi.

Dan ir-rwol jinkludi wkoll iż-żamma u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali, il-faċilitazzjoni tad-djalogu politiku, u l-promozzjoni tal-interessi ta' Malta b'mod diplomatiku, ekonomiku, kulturali, soċjali, u akkademiku. Għalhekk, dan ir-rwol iġib miegħu involviment attiv permezz ta' żjarat frekwenti, komunikazzjoni effettiva, u kapitalizzazzjoni fuq it-teknoloġija tal-komunikazzjoni diġitali biex tingħeleb l-isfida tad-distanza ġeografika.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, dan ir-rwol għandu jippromwovi b'mod proattiv l-interessi strateġiċi ta' Malta, jiżgura interazzjoni regolari mad-dijaspora Maltija fl-Iżvizzera, joħloq opportunitajiet ta' kummerċ u investiment bilaterali, u jirrappreżenta lil Malta f'forums internazzjonali fejn il-kollaborazzjoni mal-Iżvizzera tista' tagħti benefiċċji reċiproċi u globali.

**2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Iżvizzera?**

Waħda mill-isfidi ewlenin fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Iżvizzera hija t-tqajjim ta' kuxjenza u viżibbiltà reċiproċi. Minkejja li ż-żewġ pajjiżi huma storikament amikevoli, kif diġà ġie spjegat aktar 'il fuq, in-nuqqas ta' kwistjonijiet kontenzjużi bejniethom jista' jirriżulta fiż-

żamma tal-istatus quo, u għaldaqstant, mhux bilfors tingħata prijorità reċiproka b'mod prominenti fl-aġenda diplomatika tagħhom.

Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-Iżvizzera mhix stat membru tal-UE, għall-kuntrarju ta' Malta, jista' jkun hemm xi kumplessitajiet regolatorji jew ta' politika, partikolarment f'oqsma bħall-kummerċ, l-edukazzjoni, jew il-kollaborazzjoni fir-riċerka. Biex jingħelbu dawn l-isfidi, jeħtieġ li jsiru sforzi diplomatiċi konsistenti, jitħeġġu djalogi strutturati, u jinħolqu pjattaformi speċifiċi għall-involviment f'kummissjonijiet bilaterali jew konsultazzjonijiet regolari ta' livell għoli. Iż-żewġ pajjiżi għandhom jisfruttaw is-saħħiet rispettivi tagħhom u n-niċeċ ekonomiċi u edukattivi komplementari biex jibnu sħubija b'saħħitha.

### 3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u l-interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Iżvizzera?

Malta u l-Iżvizzera jaqsmu pożizzjonijiet pjuttost komuni u sinifikanti, primarjament immexxija mill-istatus tan-newtralità tagħhom u l-impenn tagħhom għall-paċi internazzjonali, id-diplomazija, u l-valuri umanitarji. Iż-żewġ pajjiżi jappoġġaw bil-qawwa r-riżoluzzjonijiet ibbażati fuq id-djalogu f'każijiet ta' tilwim internazzjonali u jikkollaboraw b'mod effettiv f'organizzazzjonijiet multilaterali bħan-Nazzjonijiet Uniti.

L-interessi komuni jkopru oqsma bħall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, is-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni tas-servizzi finanzjarji, it-turiżmu, u l-iskambju edukattiv. Dawn l-interessi komuni joffru opportunitajiet sostanzjali għal inizjattivi bilaterali, proġetti kollaborattivi, u ideat simili fil-forums globali.

### 4. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Għalkemm qatt ma servejt formalment bħala membru ta' korp diplomatiku ta' Malta, għandi esperjenza sinifikanti ta' negozjati diplomatiċi u internazzjonali. Ir-rwoli professjonali tiegħi, partikolarment bħala Uffiċjal Kap Operattiv fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi, involvew impenji diplomatiċi regolari ta' livell għoli u negozjati ma' gvernijiet barranin u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Ir-responsabbiltajiet tiegħi kienu jinkludu l-ħolqien ta' memoranda ta' ftehim u dikjarazzjonijiet kollaborattivi, partikolarment fis-setturi tal-edukazzjoni u t-turiżmu, biex b'hekk Malta tipprovdi taħriġ prattiku f'dawn is-setturi. Apparti minn hekk, kif speċifikajt iktar kmieni, għamilt kors formali fid-diplomazija globali li wassal għal ċertifikat ta' parteċipazzjoni mill-Università ta' Londra.

5. **Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-Iżvizzera u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Iżvizzera?**

Nikkonferma li l-esperjenza tiegħi fl-Iżvizzera s'issa kienet biss waħda ta' tranżitu minn ajruporti Żvizzeri waqt titjiriet ta' konnessjoni. Qatt ma żort l-Iżvizzera b'mod formali u informali għal impenji kummerċjali, diplomatiċi, jew personali. Barra minn hekk, m'għandi l-ebda rabtiet kummerċjali, interessi kummerċjali, jew investimenti finanzjarji fl-Iżvizzera.

6. **Qatt kont involut f'negozjati, trattati, jew dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Ġentilment nitlobkom tirreferu għat-tweġiba tiegħi għal mistoqsija numru 4 f'din it-taqsima u għat-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija numru 10 fit-taqsima tal-mistoqsijiet sottomessi mill-Onorevoli membri tal-Gvern.

7. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Nikkonferma li sa Ottubru 2024, kont impjegat bħala Uffiċjal Kap Operattiv full-time fis-settur pubbliku Malti, speċifikament fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi, li huwa entità governattiva responsabbli mill-edukazzjoni u t-taħriġ fis-settur tat-turiżmu f'Malta.

L-esperjenza tiegħi fis-settur pubbliku pprovdiet għarfien fil-fond dwar l-operazzjonijiet governattivi, l-amministrazzjoni pubblika, il-kooperazzjoni internazzjonali, u l-formulazzjoni tal-politiki. Illum ninsab fl-aħħar fażi tat-trasferiment ta' din il-pożizzjoni minħabba li ġejt appuntat bħala Dekan Eżekuttiv u Viċi President ta' istituzzjoni privata ta' livell ogħla.

8. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx mill-qrib magħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Nikkonferma li qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari u li qatt ma ħdimt mill-qrib magħhom.

9. **Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera?**

Kif spjegajt aktar 'il fuq, bħalissa nokkupa l-kariga ta' Dekan Eżekuttiv u Viċi President ta' istituzzjoni privata ta' livell ogħla liċenzjata f'Malta. Jekk ninħatar bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera, beħsiebni nżomm dan l-impjieg.

**10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżvizzera?**

Ġentilment nitlobkom tirreferu għat-tweġiba tiegħi għal mistoqsija numru 10 fit-taqsima tal-mistoqsijiet sottomessi mill-Onorevoli membri tal-Gvern.

**11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Niddikjara b'mod inekwivoku li m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess fil-ħatra tiegħi bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti fl-Isvizzera. Kemm il-karriera tiegħi, kif ukoll ir-rwoli professjonali u akkademiċi tiegħi, jibqgħu ħielsa minn kwalunkwe interess li jista' jikkomprometti l-imparzjalità jew l-integrità professjonali tiegħi f'din il-pożizzjoni diplomatika.

**12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

Nikkonferma li m'għandi l-ebda ċittadinanza oħra u l-ebda passaport ieħor għajr dak tar-Repubblika ta' Malta.